



Brussell, 27 ta' Novembru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0375(COD)

14282/18
ADD 1

CODEC 2004
CLIMA 217
ENER 380

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda d-Direttiva 94/22/KE, id-Direttiva 98/70/KE, id-Direttiva 2009/31/KE, ir-Regolament (KE) Nru 663/2009, ir-Regolament (KE) Nru 715/2009, id-Direttiva 2009/73/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE, id-Direttiva 2010/31/UE, id-Direttiva 2012/27/UE, id-Direttiva 2013/30/UE u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metan – Artikolu 16

Il-Kummissjoni tinnota l-qbil tal-koleġislaturi dwar l-Artikolu 16 li skontu jenħtieġ li jiġi ppreżentat pjan strateġiku għall-metan.

Il-Kummissjoni tikkonferma l-impenn tagħha biex tanalizza l-emissjonijiet tal-metan, b'mod partikolari fil-kuntest tal-istrateġija fit-tul tal-Unjoni.

Madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza li hija tirriżerva d-dritt li twieġeb skont ir-regoli tat-Trattat, b'mod partikolari b'kont dovut għad-dritt ta' inizjattiva tagħha.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 44

Ir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija huwa ċentrali għal-Pakkett "Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha". Dan ir-Regolament għandu l-għan li jistabbilixxi l-proċess li jiżgura l-ambizzjoni u l-koerenza tal-politiki u l-miżuri li jittieħdu f'diversi livelli biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u, b'mod partikolari, il-miri tal-UE għall-klima u l-enerġija għall-2030.

Fid-dikjarazzjoni Konġunta tagħhom dwar il-prijoritajiet leġislattivi tal-UE għall-perjodu 2018 - 2019, it-tliet Istituzzjonijiet impenjaw ruħhom li jiksbu l-għan ta' Unjoni tal-Enerġija ambizzjuża u politika dwar it-tibdil fil-klima li tħares 'il quddiem, b'mod partikolari bl-implimentazzjoni tal-qafas tal-UE għall-klima u l-enerġija għall-2030, u bl-insewiment tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż permezz ta' leġislazzjoni dwar enerġija nadifa għall-Ewropej kollha.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tinnotta l-qbil bejn il-koleġislaturi dwar l-Artikolu 44 li jipprovdi li, fl-implimentazzjoni tar-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn żewġ kumitati.

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-koleġislaturi ma setgħux jaċċettaw il-proposta tal-Kummissjoni li l-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni għandu jkun taħt il-kontroll ta' kumitat wieħed, f'konformità sħiħa mar-regoli ta' komitoloġija applikabbli stipulati fir-Regolament 182/2011¹ u fid-dawl ta' simplifikazzjoni u ta' Regolamentazzjoni Aħjar.

Il-Kummissjoni ttenni l-importanza ta' diviżjoni ċara tal-kompetenzi bejn il-kumitati, li hija essenzjali għall-eżerċizzju xieraq tas-setgħat ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni u għall-applikazzjoni tar-Regolament 182/2011 li jistabbilixxi regoli orizzontali applikabbli għall-kumitati.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.